MALTA

# QORTI TA' L-APPELL KRIMINALI

**ONOR. IMHALLEF**
**DAVID SCICLUNA**

Seduta tat-23 ta' Marzu, 2007

Appell Kriminali Numru. 38/2006

**Il-Pulizija**

**v.**

**Therese Bonello**
**Victor Bonello**

Il-Qorti,

Rat l-imputazzjoni migjuba mill-Pulizija Ezekuttiva kontra Therese u Victor Bonello talli fil-kwalita` taghhom ta' Diretturi u/jew rapprezentanti guridici tas-socjeta` B. Nel Services Ltd. (C14318), b'indirizz irregistrat Central Court, 5, Tal-Qroqq Street, Msida, u/jew bhala l-persuni li kienu nkarigati mill-istess socjeta` sabiex ihallsu l-pagi dovuti, naqsu li jhallsu l-pagi kollha sal-11 ta' Novembru 2004, fl-ammont ta' Lm3,403 dovuti lill-ex-impjegat tas-socjeta` fuq imsemmija, Emmanuel Aquilina fit-tmiem tal-impieg tieghu fil-11 ta' Novembru 2004.

Il-Qorti giet mitluba li tordna lill-imsemmijin Therese Bonello u Victor Bonello jhallsu lill-persuna fuq imsemmija l-ammont kif fuq specifikat ghar-ragunijiet fuq imsemmija;

Rat is-sentenza tal-Qorti tal-Magistrati (Malta) bhala Qorti ta' Gudikatura Kriminali tal-20 ta’ Frar 2006, li permezz taghha dik il-Qorti sabet lill-imsemmijin Therese u Victor Bonello hatjin ta' l-imputazzjoni dedotta kontra taghhom u, wara li rat l-artikoli 5, 15 u 45 tal-Kap. 452, filwaqt li ordnat il-hlas ta’ Lm3,402 skond l-Artikolu 45(2) tal-Kapitolu 452, ikkundannathom ghall-hlas ta’ multa ta’ mitt liri Maltin (Lm100);

Rat ir-rikors ta’ appell ta' l-imsemmijin Therese u Victor Bonello pprezentat fis-27 ta’ Frar 2006 li permezz tieghu talbu li din il-Qorti tannulla u tirrevoka s-sentenza appellata u tiddikjarahom mhux hatja tal-istess imputazzjoni migjuba kontrihom, u tilliberahom minn kull imputazzjoni w kundanna;

Rat l-atti kollha tal-kawza;

Semghet il-provi mill-gdid;

Semghet it-trattazzjoni tad-difensuri tal-partijiet;

Ikkunsidrat:

L-aggravji ta’ l-appellanti huma s-segwenti: (1) l-ewwel Qorti waslet ghall-konkluzjoni zbaljata meta sabet il-htija peress illi l-appellanti (allura imputati) kienu hallsu l-pagi kollha dovuti lil Emanuel Aquilina sal-11 ta’ Novembru 2004, u kull bilanc iehor, jekk dovut, ma hemmx akkuza ghalihom u di piu` mhix kompetenza tal-Qorti Kriminali izda dik tal-Qorti Civili; (2) bi ftehim ma’ l-istess Emanuel Aquilina, id-data tat-terminazzjoni tal-impjieg kien tbiddel u tressaq ‘il quddiem ghall-31 ta’ Dicembru 2004.

L-appellanti qeghdin jigu akkuzati illi naqsu li jhallsu lil Emanuel Aquilina l-pagi dovuti sal-11 ta’ Novembru 2004, data tat-terminazzjoni ta’ l-impjieg tieghu. Minn kopja ta’

ittra tad-9 ta’ Novembru 2004 (a fol. 11) li ntbaghtet lill-imsemmi Emanuel sive Emann Aquilina minn Victor Bonello bhala managing director tas-socjeta` b.NEL Services Ltd., l-istess Aquilina gie nfurmat li l-impjieg tieghu mal-kumpanija *“will be terminated on the 31st December 2004”*. B’ittra sussegwenti tal-11 ta’ Novembru 2004 (a fol. 10), Aquilina gie nfurmat illi minhabba tibdil fic-cirkostanzi, l-impjieg tieghu *“is being terminated with immediate effect”*. Mela d-data tat-terminazzjoni ta’ l-impjieg ta’ Emann Aquilina giet indikata korrettement fic-citazzjoni bhala l-11 ta’ Novembru 2004.

**Emann Aquilina** xehed illi huwa gie impjegat mas-socjeta` msemmija fis-17 ta’ Lulju 2003 fuq kuntratt definit ta’ sentejn fil-kariga ta’ *project manager*. Huwa kkonferma illi l-kuntratt gie terminat fil-11 ta’ Novembru 2004 meta suppost kellu jigi terminat f’Lulju 2005. Meta approwcja lid-Dipartiment tal-Labour, gie nfurmat li kien intitolat ghan-*notice money* ekwivalenti ghal nofs il-paga taz-zmien li kien ghad fadal biex jigi terminat il-kuntratt. Huwa nforma lill-appellant Victor Bonello dwar dan li qallu ma kienx jara ghaliex kellu jkun hemm in-*notice money*. In kontro-ezami kkonferma illi in kwantu l-paga sal-11 ta’ Novembru 2004 din thallset u dak li kien qieghed jippretendi huwa n-*notice money* kif spjega.

**Ian Meli**, *employment relations officer* fl-Industrial and Employment Relations Department, irrefera ghad-dokumenti esebiti u ghall-artikolu 36 tal-ligi. Irrefera ghac-cekk li l-appellanti baghtu lil Emanuel Aquilina ghas-somma ta’ Lm412.76 bhala hlas *ex gratia*, liema hlas ma giex accettat, u li, kif jintqal fl-ittra *“would have been due as notice money had the contract been one of an indefinite nature”*. Qal li kellem lil Victor Bonello li qallu li dan ma kienx kaz ta’ kuntratt definit u li kien offrielu xoghol bhala engineer. Kellem lil Emann Aquilina li qallu li hu kien gie impjegat bhala *project manager* u mhux bhala *engineer*.

Mid-dokument a fol. 13 u 14 tal-process m’hemm l-ebda dubju illi Emanuel sive Emann Aquilina gie impjegat bhala *“project manager”* u illi dan kien ghal perijodu definit ta’

sentejn. L-imsemmi dokument fil-fatt jindika d-data tal-bidu ta' l-impjieg bhala s-17 ta' Lulju 2003 u d-data meta kellu jiskadi bhala s-16 ta' Lulju 2005. L-artikolu 36(11) tal-Kap. 452 jipprovdi testwalment: **"Principal li jibghat 'il barra impjegat qabel ma jaghlaq iz-zmien specifikat f'kuntratt ta' servizz, ikollu jhallas lill-impjegat nofs il-paga kollha li kienet tkun tmiss lill-impjegat dwar il-bqija taz-zmien espressament miftiehem"**. Dan l-ammont huwa dovut mat-terminazzjoni ta' l-impjieg, fil-kaz ta' Emann Aquilina, fil-11 ta' Novembru 2004. Ghan-nuqqas ta' pagament ta' l-ammont imsemmi huma applikabbli l-artikoli 44 u 45 tal-Kap. 452 u ghalhekk il-proceduri odjerni gew istitwiti korrettement kontra l-appellanti.

Dwar il-kalkolu ta' l-ammont dovut, ma tirrizulta l-ebda kontestazzjoni.

Konsegwentement l-appell ma jimmeritax li jigi milqugh.

Ghal dawn il-motivi:

Tiddeciedi billi tichad l-appell u tikkonferma s-sentenza appellata, b'dan li l-multa tithallas kwantu ghal Lm50 minn Therese Bonello u kwantu ghal Lm50 minn Victor Bonello.

**< Sentenza Finali >**

-------------------------------TMIEM-------------------------------